




Il-Kummissjoni  
Ewropea




# 30

ANNIVERSARJU



# ĊITTADINANZA TAL-UE

## DRITTIJET U OPPORTUNITAJIET



# WERREJ



## X'INHU DAK LI JAGĦMEL IĊ- ĊITTADINANZA EWROPEA UNIKA

Bħala ċittadin tal-UE, tista' tgawdi drittijiet li huma distinti milli tkun ċittadin ta' Stat Membru tal-UE.

03



## VALURI KONDIVIŻI

L-UE hija mibnija fuq valuri komuni, u ċ-ċittadini tal-UE jgawdu ċerti drittijiet, libertajiet u protezzjonijiet.

04



## ĊITTADINANZA TAL-UE: DRITTIJET LI TISTA' TUŻA

Id-drittijiet tiegħek bħala ċittadin tal-UE jistgħu jiftħu dinja sħiħa ġdida ta' possibiltajiet.

06



## FASSAL IL-FUTUR TIEGĦEK

Ċittadini tal-UE huma fil-qalba tal-UE. Aċċerta li leħnek jinstema'.

14



## PROTEZZJONI KULJUM

Li tgħix fl-UE jagħtik aċċess ukoll għal firxa ta' benefiċċji li jagħmlu ħajtek aktar faċli.

19



## U JEKK ID-DRITTIJET TIEGĦI MA JKUNUX IRRISPETTATI

Jekk taħseb li d-drittijiet tiegħek ma kinux irrISPETTATI hemm azzjonijiet li tista' tieħu.

21



“Il-fatt li tkun ċittadin tal-UE jiftaħ dinja ta' opportunitajiet. Sew jekk biex tivvjaġġa fl-UE biex taħdem, biex taħdem ġo Stat Membru ieħor kif ukoll biex tikseb għajjnuna konsulari meta tkun qed tivvjaġġa barra mill-pajjiż. Fl-aħħar 30 sena, miljuni ta' Ewropej gawdew il-benefiċċji konkreti taċ-ċittadinanza tal-UE. U semmgħu leñenhom permezz tal-elezzjonijiet tal-UE u f'elezzjonijiet lokali meta kienu qed jgħixu barra minn pajjiżhom. Aħna ser inkomplu nippromwovu u nsaħħu dawn id-drittijiet għax dak hu kif insaħħu l-Unjoni tagħna, il-valuri tagħna u l-istil Ewropew ta' ħajja tagħna.”

**Ursula von der Leyen,**  
President tal-Kummissjoni Ewropea, 2023

# X'INHU DAK LI JAGĦMEL IĊ-ĊITTADINANZA TAL-UE UNIKA?

Iċ-ċittadinanza tal-UE hi kunċett uniku. Jekk int ċittadin ta' wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE, allura int awtomatikament ukoll ċittadin tal-UE. Dan jagħmilha possibbli li tgawdi drittijiet li huma distinti milli meta tkun ċittadin ta' Stat Membru tal-UE. U barra minn hekk, dawn id-drittijiet huma validi fis-27 Stat Membru tal-UE.

Xi jfisser dan fil-prattika? Dan ifisser, pereżempju, li int tista' tgħix u taħdem fi Stat Membru ieħor tal-UE mingħajr il-bżonn ta' viża, jew permess tax-xogħol jew residenza. Ċittadinanza tal-UE tfisser ukoll li jekk tinqagħlalek problema f'post barra l-UE fejn Stat Membru tal-UE ma għandux ambaxxata jew konsulat, tista' ddir fuq Stat Membru ieħor tal-UE li jkun preżenti hemmhekk għall-għajjnuna.

Iċ-ċittadinanza tal-UE hi wkoll dwar li jkollok rwol attiv fil-proċess demokratiku, li jsawwar ir-regoli li japplikaw fl-UE kollha. Tista' tivvota u toħroġ għal elezzjonijiet muniċipali u tal-Parlament Ewropew, anki jekk tgħix ġo Stat Membru ieħor.

Iċ-ċittadinanza tal-UE tista' tiftaħ dinja ta' possibbiltajiet. Dan il-fuljett jipprovdi dak li teħtieġ tkun taf dwar id-drittijiet tiegħek u jispjega kif tista' tużahom l-aħjar bħala ċittadin tal-UE.

## Ċittadini ġodda tal-UE




**827 300**

Fl-2021, 827 300 persuna akkwistat iċ-ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE.

Minn dawk li akkwistaw iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tal-UE, 85% kienu ċittadini ta' Stat Membru mhux tal-UE qabel.

Sors: Eurostat



**4.09 M**

Barra minn dan, 4.09 miljun tarbija twieldet fl-UE fl-2021.

Sors: Eurostat



“Iċ-ċittadinanza tal-UE hija fil-qalba tal-proġett Ewropew. Id-drittijiet u l-opportunitajiet li ngħataw liċ-ċittadini *kollha*, tal-Istati Membri *kollha* tal-UE huma hemm biex itejbulhom f'ajjithom u biex isaħħu l-komunitajiet. U għalhekk hu importanti li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jafu eżattament xi drittijiet għandhom u kif jistgħu jeżerċitaw dawn id-drittijiet. Dan hu kif nibnu Ewropa aktar b'saħħitha għal għada.”

**Didier Reynders,**

il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, 2023

## Tħossok ċittadin tal-UE?



**Kważi 9 minn kull 10 ċittadini (87%)** jaqblu li jħossuhom ċittadini tal-UE.


Sors: Ewrobarometru 528, 2023

Iċ-ċittadini tal-UE llum igawdu firxa ta' drittijiet\* li huma addizzjonali għad-drittijiet li jgawdu bħala ċittadini tal-Istat Membru tal-UE tagħhom. Dawn huma:

- ▶ **Ma tistax tiġi ddiskriminat** abbażi tan-nazzjonalità tiegħek
- ▶ **Tista' tiċċaqlaq u tgħix liberament** fl-UE
- ▶ **Tista' tivvota u toħroġ** bħala kandidat f'elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u muniċipali anki meta tmur ġo Stat Membru ieħor tal-UE
- ▶ **Int tgawdi protezzjoni konsulari** meta tkun ġo pajjiż li mhux tal-UE
- ▶ **Tista' tniedi jew tappoġġja** inizzjattiva Ewropea taċ-ċittadini, titlob lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi leġiżlazzjoni dwar kwistjoni li hi importanti għalik
- ▶ **Tista' tagħmel petizzjoni** lill-Parlament Ewropew u tilmenta mal-Ombudsman Ewropew
- ▶ **Tista' tikkuntattja u tirċievi risposta** minn kull istituzzjoni f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE

\*Skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)


## VALURI KONDIVIŻI



Li tkun parti mill-UE ma jfissirx biss li tgħix ġo wieħed mill-istati membri tagħha. Dan ifisser li tkun parti minn komunità kondiviża, fejn kulħadd igawdi d-drittijiet, il-protezzjonijiet u l-opportunitajiet li jiddefinixxu l-istil Ewropew ta' ħajja, magħqudin fid-diversità.

Dan ifisser pereżempju, l-iżgurar li d-drittijiet fundamentali bħal-libertà tal-ħsieb, il-kuxjenza u r-reliġjon ikunu rrispettati, u li jiġu ggarantiti drittijiet indaqs għal kulħadd quddiem il-liġi.

Taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kulħadd fl-UE għandu d-dritt li jkun ittrattat indaqs, irrispettivament mis-sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kull opinjoni oħra, sħubija f'minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali tagħhom. Dawn huma wħud mill-valuri ewlenin li jsejsu ċ-ċittadinanza tal-UE.



## Rispett għal kulħadd

L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jistabbilixxi l-valuri li fuqhom l-UE, u allura ċ-ċittadinanza tal-UE huma bbażati:

“L-Unjoni hi bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta’ persuni li jappartjenu għal minoritajiet. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f’soċjetà li fiha l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel jipprevalu.”



## Valuri tal-UE ta’ preġju partikolari

Fi sħarriġ riċenti, iċ-ċittadini tal-UE identifikaw il-valuri li huma l-aktar importanti għalihom.

**82%**

L-Indipendenza tal-imħallfin

**82%**

Id-dritt għal proċess ġust

**81%**

Il-libertà tal-ħsieb, tal-espressjoni u tar-reliġjon

## Valuri ewlenin personali

**78%**

Li tkun responsabbli għal deċiżjonijiet dwar ħajtek

**77%**

Tieħu ħsieb ta’ dawk qrib tiegħek


Sors: Ewrobarometru 508, 2021

## Drittijiet Fundamentali

Test ieħor importanti li jsaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-UE hu l-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea**. Din iġġib flimkien id-drittijiet personali u libertajiet li kulħadd igawdi fl-UE. Dawn id-drittijiet jinkludu d-dinjità umana, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, in-non-diskriminazzjoni, u d-drittijiet relatati mas-solidarjetà ma’ oħrajn. Tipprovdi wkoll drittijiet speċifiċi għaċ-ċittadini tal-UE.

Il-Karta tiżgura li dawn id-drittijiet u libertajiet ikunu protetti mill-UE u mill-Istati Membri tal-UE meta jimplimentaw il-liġi tal-UE. Flimkien mal-Artikolu 2 tat-TUE, din tipprovdi wkoll is-sisien ta’ valuri li fuqhom hi mibnija ċ-ċittadinanza tal-UE u li minnhom tista’ tibbenefika.

**KARTA TAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI TAL-UNJONI EWROPEA**



**Iċ-Ċittadinanza tal-UE tagħtik drittijiet li tista' tuża biex tfassal ħajtek, u biex il-komunità tiegħek tibbenefika. Pereżempju, tagħtik is-setgħa biex timxi u tgħix liberament fl-UE jekk tkun trid tagħmel hekk, tiżgura li ma tiġix ddiskriminat/a abbażi tan-nazzjonalità tiegħek, u tobbliga lill-istituzzjonijiet tal-UE iweġbuk jekk ikollok xi mistoqsija. Tagħtik id-dritt li tivvota għar-rappreżentanti tiegħek fil-Parlament Ewropew u li tniedi Inizzjattiva taċ-Ċittadini Ewropej dwar kwistjoni li toltok mill-qrib. Dawn id-drittijiet jitgawdew miċ-ċittadini kollha tal-UE.**

# ĊITTADINANZA TAL-UE: DRITTIJET LI TISTA' TUŻA

“Dan hu l-mument li nuru lill-ġenerazzjoni żagħżugħa li qed nibnu kontinent fejn inti tista’ tkun dak li int, tħobb lil min trid, u timmira fil-għoli kemm trid. Kontinent rikonċiljat man-natura u li juri t-triq fejn jidħlu teknoloġiji ġodda. Kontinent li hu magħqud fil-libertà u l-paċi. Dan hu l-mument li l-Ewropa terġa’ twieġeb is-sejħa tal-istorja.”

**Ursula von der Leyen,**  
President tal-Kummissjoni Ewropea,  
Stat tal-Unjoni 2023



### Indirizzar ta’ kull forma ta’ diskriminazzjoni

Kulħadd għandu d-dritt għal trattament ugwali, u l-UE ħadet azzjoni biex tiġġieled id-diskriminazzjoni fuq firxa ta’ raġunijiet. B’mod partikulari, il-liġi tal-UE tiproteġi kontra diskriminazzjoni abbażi ta’ sess u oriġini razzjali jew etnika fil-qasam tal-impjieg, tal-edukazzjoni, aċċess għas-servizzi, protezzjoni soċjali u vantaġġi soċjali. Il-liġi tal-UE tipprojbixxi wkoll diskriminazzjoni abbażi ta’ reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età u orjentazzjoni sesswali fil-qasam tal-impjieg. Barra minn dan, għadd ta’ strateġiji ġew adottati biex tinbena Unjoni ta’ Ugwaljanza.

Kun af iktar dwar kif l-UE qed

**TIBNI UNJONI TA’ UGWALJANZA**



## Protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni

Adam għandu grad ta’ skola sekondarja mill-pajjiż ta’ oriġini tiegħu tal-Polonja. Mit-tfulija bikrija, il-ħolma tiegħu kienet li jsir veterinarju, u li jistudja barra mill-pajjiż. Fl-università tal-għażla tiegħu, madanakollu - li tinsab ġo Stat Membru ieħor tal-UE - hu obligat jgħaddi test tal-aptitudni biex jipprova l-kwalifiki tiegħu. Dan it-test ma japplikax għaċ-ċittadini tal-pajjiż fejn għandu l-ħsieb li jmur jgħix.

Adam iħoss li dan mhux ġust, u li hu qed ikun iddiskriminat abbażi tan-nazzjonalità tiegħu. Hu jieħu l-każ tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li tiddeċiedi li t-test tal-aptitudni hu tabilħaqq diskriminatorju abbażi ta’ dawn ir-raġunijiet. Ir-riżultat aħħari hu li r-regoli jinbidlu. Adam jista’ jistudja barra mill-pajjiż fl-univeristà tal-għażla tiegħu, taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta’ dak il-pajjiż.



Dritt ewlieni taċ-ċittadinanza hu l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità tiegħek f’każijiet li jaqgħu fi ħdan il-liġi tal-UE. Dan hu ggarantit taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni jiżgura trattament ġust u opportunitajiet indaqs għaċ-ċittadini kollha tal-UE, irrispettivament mill-Istat Membru tal-UE li jkunu fi.

## Id-dritt tiegħek li titlaq u tmur tgħix barra minn pajjiżek



José hu żviluppatur tas-software li jirċievi offertà ta' impjieg tal-ħolm fil-Ġermanja. Hu jista' jitlaq lejn Hamburg mingħajr il-bżonn ta' viża, jew permess tax-xogħol jew residenza. Għandu biss ifttex fejn joqgħod, u jista' jibda jaħdem mill-ewwel. U barra minn hekk, hu u membri tal-familja tiegħu jistgħu jaċċessaw is-sistema tas-saħħa lokali, u t-fal tiegħu jistgħu jirreġistraw ġo skejjel Ġermaniżi. Il-familja tgawdi l-istess vantaġġi soċjali bħaċ-ċittadini Ġermaniżi, waqt li jżommu ċ-ċittadinanza Spanjola tagħhom.

### Opinjoniġiet dwar il-moviment liberu

**90%**

Madwar 90% taċ-ċittadini jemmnu li dan id-dritt hu ta' benefiċċju personali għalihom.

**80%**

Aktar minn 80% taċ-ċittadini jaqblu li l-moviment liberu hu ta' benefiċċju għall-ekonomija.

Sors: **Ewrobarometru 528, 2023**



Bħala ċittadin tal-UE, għandek id-dritt li tgħix, taħdem, tistudja u tivvjaġġa liberament fl-Istati Membri tal-UE. Dan ifisser li ma għandekx bżonn viża, permess tax-xogħol jew ta' residenza. Il-membri tal-familja tiegħek ukoll għandhom id-dritt li jakkumpanjawk jew jingħaqdu miegħek irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom. Jistgħu jintalbu jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet jew formalitajiet.

Sabiex jibqgħu ġo Stat Membru ieħor tal-UE għal aktar minn tliet xhur, ħaddiema tal-UE u ċittadini tal-UE li jaħdmu għal rashom jistgħu joqogħdu mingħajr kundizzjonijiet oħra. Kategoriji oħra ta' ċittadini tal-UE, bħal studenti jew ċittadini li mhumiex attivi ekonomikament, iridu jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet (bħal pereżempju li jkunu koperti b'assikurazzjoni tal-mard). Iċ-ċittadini jistgħu jintalbu jikkonformaw ma' formalitajiet amministrattivi, bħal reġistrazzjoni mal-awtoritajiet. Tista' ssir taf aktar dwar dawn il-kundizzjonijiet f'din il-**Gwida**, kif ukoll **hawn**.



**ID-DRITT GĦALL-MOVIMENT LIBERU**



**DRITTIJET TA' RESIDENZA**





## Għajnuna meta tkun barra minn pajjiżek

Antonja, fotoġurnalista Maltija, qed tivvjaġġa f'reġjun remot f'pajjiż mhux tal-UE fejn Malta m'għandhiex ambaxxata jew konsulat. Wara li tilfet il-passaport tagħha, hi għandha bżonn urġenti ta' dokument ta' sostituzzjoni, sabiex tkun tista' tmur lura d-dar.

Grazzi għad-dritt tal-UE għal protezzjoni konsulari, Antonja tista' żżur il-konsulat Spanjol, fejn tirċievi dokument tal-ivvjaġġar ta' emerġenza - l-istess assistenza li kienet tirċievi kieku kienet ċittadina Spanjola. B'dan id-dokument tal-ivvjaġġar ta' emerġenza, hi tista' tivvjaġġa lura d-dar.

**Appoġġ għal ċittadini tal-UE barra minn pajjiżhom**

**93%**

taċ-ċittadini jaqblu li Stati Membri tal-UE għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jgħinu ċittadini tal-UE li jkollhom bżonn protezzjoni konsulari barra mill-UE.

Sors: *Ewrobarometru 528, 2023*



Bħala ċittadin tal-UE, int għandek id-dritt li tikseb għajnuna minn kull ambaxxata jew konsulat ta' kull Stat Membru tal-UE meta tkun ġo pajjiż barra mill-UE fejn pajjiżek m'għandux ambaxxata jew konsulat jew meta dak il-konsulat jew ambaxxata ma jkunx f'pożizzjoni li jgħinek. Dan id-dritt tal-UE hu espressjoni ta' solidarjetà tal-UE, fejn l-Istati Membri jgħinu liċ-ċittadini ta' xulxin meta jkollhom bżonn.

Fil-fatt, il-protezzjoni konsulari tal-UE tista' tapplika f'firxa ta' sitwazzjonijiet: jekk tkun arrestat jew miżmum, issib ruġek vittma ta' delitt, ikollok aċċident jew timrad serjament, tiflew jew jinsteraqlek il-passaport, jew ikollok bżonn għajnuna biex tmur lura d-dar f'każ ta' emerġenza.



**PROTEZZJONI KONSULARI BARRA MILL-UE**



**DOKUMENT TAL-IVVJAĠĠAR TA' EMERĠENZA TAL-UE**

## Inizzjattiva Ewropea taċ-Ċittadini



Pietru, ċittadin tal-UE mill-Awstrija, għandu familja ġewwa l-Belġju, Spanja u l-Italja. Ma jħobbx isuq distanzi partikolarment twal u jipprova jevita li jaqbad arjuplan meta jista'. Kieku jixtieq jara aktar azzjoni Ewropea li tneġġeg l-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni ta' linji tal-ferrovija transfruntiera ta' veloċità għolja, sabiex ikun hemm konnessjoni aħjar bejn bliet Ewropej.

Pietru jemmen li azzjoni fil-livell tal-UE hi kritika biex din issir realtà. Wara li sar jaf dwar l-Inizzjattiva Ewropea taċ-Ċittadin, iddeċieda li jgħib flimkien grupp ta' ċittadini tal-UE li jgħixu ġo seba' Stati Membri tal-UE, biex jissottomettu waħda f'isimhom, u talbu lill-Kummissjoni biex tipproponi leġislazzjoni biex tiffaċilita vjaġġar transfruntier bil-ferrovija.

Wara valutazzjoni bir-reqqa biex tiżgura li tissodisfa l-kriterja, il-Kummissjoni rreġistrat l-inizzjattiva tagħhom. Ladarba reġistrata, Pietru seta' jniedi il-ġbir ta' firem biex jiġbor appoġġ għall-idea tiegħu.



L-Inizzjattiva Ewropea taċ-Ċittadini tagħtik l-opportunità biex tinfluwenza l-politika tal-UE. Jekk ikun hemm xi ħaġa li tkun passjonat dwarha - u sakemm dan hu qasam fejn l-UE għandha s-setgħa li taġixxi - allura int tista' wkoll tressaq inizzjattiva.

Tkun trid issegwi l-gwida pass pass, u tiżgura li l-inizzjattiva tiegħek tissodisfa ċerta kriterja. Il-ħoloq ta' hawn taħt jipprovdu kulma għandek bżonn tkun taf. Ladarba tkun reġistrata, l-inizzjattiva tiegħek trid tiġbor, fi 12-il xahar, tal-inqas miljun firma valida (online jew bil-miktub) f'tal-inqas seba' pajjiżi tal-UE. Jekk tirnexxi, int tiltaqa' mal-Kummissjoni biex tiddiskuti l-oġġettivi tiegħek, u jkollok iċ-ċans tippreżenta l-inizzjattiva tiegħek f'seduta fil-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni hi obbligata twieġeb l-inizzjattiva tiegħek u tindika liema azzjonijiet ser tieħu.

Tista' tappoġġja wkoll inizzjattivi mibdiya minn ċittadini oħra tal-UE.

# 64%

ta' ċittadini tal-UE huma konxji mid-dritt li jipparteċipaw f'inizzjattiva Ewropea taċ-ċittadini,

b'sensibilizzazzjoni li tvarja minn ftit aktar minn 80% fil-Finlandja u l-Awstrija, għal inqas minn 50% fir-Rumanija (49%), il-Kroazja (48%), il-Litwanja (46%) u l-Iżvezja (39%).

Sors: **Ewrobarometru 528, 2023**

- ▶ Ara il-**bażi tad-data ta' inizzjattivi taċ-ċittadin ippubblikati** u appoġġja inizzjattivi li tixtieq li jimexxu.
- ▶ Iċċekkja l-**gwida pass pass** biex issir taf kif l-Inizzjattiva Ewropea taċ-Ċittadini taħdem.
- ▶ Ikseb informazzjoni Prattika u pariri biex tniedi u tiġġestjona l-inizzjattiva tiegħek fuq il-**Forum online tal-IĊE**
- ▶ Issieħeb ma' **kors online għall-organizzaturi**.



## Id-dritt tiegħek li tippreżenta petizzjoni lill-Parlament Ewropew



Ana hi ċittadina tal-UE li tgħix f'belt żviluppata. Xmara li tgħaddi mill-  
viċinat tagħha tniġġset minħabba  
skart tossiku minn fabbrika fil-qrib.  
Wara xi investigazzjoni, Ana temmen  
li r-regolamenti ambjentali Ewropej  
mhux qed jiġu infurzati.

Imħassba dwar is-sitwazzjoni, hi tuża  
d-dritt tagħha li tippreżenta petizzjoni  
lill-Parlament Ewropew, u ġgħib il-  
kwistjoni għall-attenzjoni tiegħu.  
Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-  
Parlament Ewropew jirċievi l-petizzjoni  
ta' Ana, jagħmel xi investigazzjoniet  
u jista' jiddeċiedi li jieħu azzjoni  
addizzjonali.



Bħala ċittadin jew resident tal-UE, inti għandek id-dritt tissottometti petizzjoni, li tista' tkun ilment jew talba, lill-Parlament Ewropew. Il-Kumitat tal-Petizzjonijiet tal-Parlament iqis il-petizzjoni tiegħek, u jwieġbek u jinfurmak dwar l-eżitu.

Dan id-dritt jippermettilek tindirizza direttament lill-Parlament Ewropew biex tesprimi tħassib jew titlob azzjonijiet. Il-petizzjoni għandha tikkonċerna kwistjoni fi ħdan l-oqsma ta' attività tal-UE li taffettwak direttament.

### Tista' ssib aktar informazzjoni hawn:



**ID-DRITT LI TRESSAQ  
PETIZZJONI**



**PORTAL FUQ L-INTERNET  
DWAR PETIZZJONIJIET**

### Min jista' jibda petizzjoni?

- ▶▶ kull ċittadin tal-UE
- ▶▶ kull min jgħix b'mod legali fi Stat Membru tal-UE
- ▶▶ kull kumpanija, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni bil-kwartieri tagħha fi Stat Membru tal-UE

### Kif taħdem din?

- ▶▶ Il-kwistjoni trid taqa' fi ħdan l-oqsma ta' attività tal-UE
- ▶▶ Il-kwistjoni trid toqtoq direttament
- ▶▶ Tista' tissottometti l-petizzjoni tiegħek individwalment jew bħala grupp - m'hemm ebda numru minimu ta' firem
- ▶▶ Din tista' ssir online jew bil-posta.

Sors: **Petizzjoni lill-UE**

## Id-dritt tiegħek li tirrikorri għand l-Ombudsman

Sara talbet dokumenti dwar laqgħa bejn istituzzjoni tal-UE u assoċjazzjoni agrikola. Hi tħoss li l-istituzzjonijiet tal-UE ma ttrattawx tajjeb t-talba tagħha, peress li ma ngħatatx aċċess sħiħ għad-dokumenti li talbet. F'din is-sitwazzjoni, Sara għandha wkoll id-dritt li tilmenta mal-Ombudsman Ewropew. Il-kompitu tal-Ombudsman hu li jinvestiga ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina mill-istituzzjonijiet tal-UE.



L-Ombudsman Ewropew hu korp indipendenti u imparzjali li jżomm lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE responsabbli, u jipromwovi amministrazzjoni tajba. Hu qiegħed hemm biex jgħin ċittadini, negozjanti u organizzazzjonijiet li jħossu li kien hemm ġestjoni ħażina fil-livell tal-UE.

Bħala ċittadin, int għandek id-dritt li tilmenta mal-Ombudsman Ewropew jekk temmen li kien hemm ġestjoni ħażina fi ħdan xi istituzzjoni tal-UE. Dan jinkludi eżempji bħal restrizzjonijiet għall-aċċess tiegħek għal dokumenti miżmuma minn istituzzjonijiet tal-UE, kull kwistjoni etika jew amministrazzjoni tal-fondi tal-UE. Tista' tagħmel l-ilment tiegħek sa sentejn mid-data li sirt konxju tal-problema.

### Min jista' jirrikorri għand l-Ombudsman Ewropew?

Ċittadini tal-UE, jew NGOs, assoċjazzjonijiet, negozji, universitajiet u ġurnalisti bil-kwartieri ġenerali tagħhom fi Stat Membru tal-UE, jistgħu jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew:

- ▶ B'ilmenti li jikkonċernaw xi istituzzjoni, uffiċċju jew aġenzija tal-UE
- ▶ Dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni ħażina minn xi istituzzjoni, uffiċċju jew aġenzija tal-UE
- ▶ Jekk huma jkun diġà ppruvaw isolvu l-problema mal-korp tal-UE kkonċernat
- ▶ Meta l-kwistjoni ma tkunx ilha iktar minn sentejn
- ▶ Meta ma jkun hemm ebda azzjoni legali għaddejja.



Dana hi ċittadina tal-UE li għandha n-natura għal qalbha ħafna u hi wkoll waħda dilettanta li trabbi n-naħal. Hi tikkuntattja l-Kummissjoni biex taqşam l-opinjoniġiet tagħha u ssaqsi dwar x'qed tagħmel l-UE biex tiżgura l-benesseri tan-naħal.

Dana tirċievi tweġiba bil-lingwa tagħha, li hu d-dritt tagħha bħala ċittadina Ewropea.

## Id-dritt tiegħek għal tweġiba



Bħala ċittadin tal-UE, inti għandek id-dritt li tikteb lill-istituzzjonijiet f'xi waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE, u tirċievi tweġiba bl-istess lingwa. L-istituzzjonijiet kollha jżommu reġistri online fejn tista' ssib dettalji tal-kuntatt u taċċessa dokumenti u informazzjoni, li jgħinuk tibqa' aġġornat dwar x'qed jiġri fl-UE.

Il-Kummissjoni regolarment tfttex l-opinjoniġiet taċ-ċittadini meta tiżviluppa politika u leġiżlazzjoni. Ir-rispons li tirċievi jitqies qabel ma' l-proposti dwar politika jkunu ffinalizzati, u ppubblikati online.

**Tista' ssib aktar informazzjoni hawn:**



IKKUNTATTJA  
LILL-UE



KONSULTAZZJONIJIET  
PUBBLIĊI



LINGWI TAL-UE

### Aċċessa l-informazzjoni

#### **Farsa ġenerali ta' reġistri ta' istituzzjonijiet tal-UE**

Hawn huma r-reġistri istituzzjonali kollha tal-UE li tista' taċċessa b'xejn:

- ▶▶ Regjistru Pubbliku għad-dokumenti tal-Kunsill
- ▶▶ Regjistru ta' Dokumenti tal-Parlament Ewropew
- ▶▶ Regjistru Pubbliku ta' Dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew
- ▶▶ Regjistru tad-Dokumenti tal-Kummissjoni
- ▶▶ Aċċess għal Dokumenti Amministrattivi tal-Qorti tal-Ġustizzja
- ▶▶ Regjistru Pubbliku tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna
- ▶▶ Aċċess għal dokumenti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Id-drittijiet demokratiċi huma parti ċentrali meta tkun ċittadin tal-UE. Il-vot tiegħek fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jiżgura li l-vuċi tiegħek tinstemgħa meta jkunu qed jiġu diskussi u adottati liġijiet. Anki jekk tmur f'xi Stat Membru ieħor tal-UE, int xorta tista' tivvota f'elezzjonijiet muniċipali u tal-UE, u anki toħroġ bħala kandidat.

Iċ-ċittadini huma parti integrali tal-proċess demokratiku bejn l-elezzjonijiet ukoll, pereżempju billi jsemmgħu leħinhom fuq leġiżlazzjoni proposta jew parteċipazzjoni f'inizzjattivi Ewropej taċ-ċittadini. Int tista' tintgħażel biex tiegħu sehem f'panels taċ-ċittadini. Tista' tikkuntattja lill-istituzzjonijiet Ewropej għal informazzjoni jew biex taqsam l-opinjoni tiegħek.



**FASSAL**  
**IL-FUTUR TIEGĦEK**



## Id-drittijiet demokratiċi tiegħek


Marija hi ċittadina Portugiża li ilha tgħix fil-Belġju għal aktar minn deċennju. Hi membru ta' partit politiku, difensur passjonata tas-sikurezza tat-triq, u tixtieq li jsir aktar biex iċ-ċentru tal-belt tagħha jsir aktar aċċessibbli għal dawk li jimxu fit-triq. Bl-elezzjonijiet muniċipali fil-qrib, Marija tiddeċiedi li trid tagħmel aktar milli sempliċement tivvota - trid toħroġ għall-elezzjoni. Hi ġiet magħżula bħala kandidat mill-partit tagħha, timpresjona ħafna mill-votanti, u ssib ruħha membru kburi tal-kunsill tal-belt lokali tagħha.



Iċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom id-dritt li jivvutaw u joħroġu bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom. U barra minn hekk, jekk jgħixu ġo xi Stat Membru ieħor, jistgħu jagħżlu li jivvutaw u joħroġu fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew hemm, taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż. Ċittadini tal-UE li jgħixu ġo xi Stat Membru ieħor, jistgħu wkoll jivvutaw u joħroġu bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali f'dak il-pajjiż, ukoll taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż.

## Oħroġ ivvota

66%



Madwar 66% taċ-ċittadini jafu li ċittadin tal-UE li jgħix f'pajjiżhom għandu d-dritt li jivvota jew joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

55%



Ftit aktar minn nofs jafu li tali ċittadin għandu d-dritt li jivvota jew joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali.

Sors: Ewrobarometru 528, 2023



KUN AF AKTAR DWAR KIF  
TIPPARTEĊIPA U TIVVOTA FL-UE

## Semma' leĥnek

Parteċipazzjoni demokratika mhix biss dwar votazzjoni u elezzjonijiet. Bħala ċittadin tal-UE, int għandek ħafna opportunitajiet biex tkun involut, biex issemma' leĥnek, u tgħin issawwar il-futur tal-Ewropa.

Qabel xejn, tista' **taqsam l-opinjoniġiet tiegħek** fuq inizzjattivi tal-Kummissjoni u tikkontribwixxi għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni hi impenjata tisma' l-opinjoniġiet taċ-ċittadini u tal-partijiet interessati dwar liġijiet u politiki tal-UE kemm meta dawn ikun qed jiġu ppreparati kif ukoll meta jkunu qed jiġu implimentati.



**L-Inizzjattiva taċ-Ċittadini Ewropej** hi mod ieħor biex iċ-ċittadini jgħinu jfasslu l-politika. Jekk trid li l-UE tieħu azzjoni fuq kwistjoni partikolari, tista' ġġib flimkien grupp ta' seba' ċittadini tal-UE, u tmur għand il-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi leġiżlazzjoni għida tal-UE dwar dik il-kwistjoni. Tista' taqra t-taqsima dwar l-Inizzjattivi taċ-Ċittadini Ewropej f'dan il-fuljett biex tkun taf aktar.

Tista' wkoll taċċessa l-Pjattaforma interattiva ta' Impenn taċ-Ċittadini fejn tista' tiddiskuti ma' Ewropej oħra dwar l-ideat u soluzzjonijiet tiegħek għal politiki futuri.

Hemm ukoll **il-panels taċ-ċittadini Ewropej**, li jġibu flimkien ċittadini magħżula b'mod każwali mis-27 Stati Membri kollha tal-UE biex jiddiskutu proposti ewlenin u jagħmlu rakkomandazzjonijiet. Is-suġġetti sa issa inkludew id-dinjiet virtwali, il-ħela tal-ikel u l-mobbiità tal-apprendiment. Wara li jiġbru ideat u deliberazzjonijiet, isiru rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidrahom meta tipprepara inizzjattivi ta' politiki.



Il-**portal Għid Tiegħek** hu l-portal li jservi ta' punt wieħed ta' kuntatt għall-impenn taċ-ċittadini online. Dan jgħaqqad il-gateways mal-konsultazzjonijiet pubbliċi, is-siti web tal-Inizzjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, u l-Pjattaforma interattiva tal-Impenn taċ-Ċittadini. Trid tirreġistra biex tikkontribwixxi, imma l-proċess hu sempliċi ħafna.

... u ovvjament, hemm ħafna opportunitajiet biex tkun involut fil-livell nazzjonali u lokali - inkluż li toħroġ għall-elezzjonijiet tal-uffiċċju muniċipali.



Panels taċ-Ċittadini Ewropej qed isiru karatteristika regolari tal-ħajja demokratika fl-UE. Għadd ta' panels diġà saru, li ppermettew liċ-ċittadini jwasslu rakkomandazzjonijiet fuq firxa ta' kwistjonijiet direttament lil dawk li jfasslu l-politika.

### Kif nistgħu nnaqqsu l-ħela tal-ikel?

Panel taċ-ċittadin li ffoka fuq l-indirizzar tal-ħela tal-ikel ġab 23 rakkomandazzjoni għal azzjoni. Dawn inkludew miżuri biex jipprojbixxu l-qerda ta' ikel sikur żejjed, il-bżonn ta' miri li jorbtu b'mod legali lill-Istati Membri tal-UE, u edukazzjoni aħjar.

Ir-rakkomandazzjonijiet minn dak iż-żmien ġew kondiviżi u diskussi fil-**Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf tal-Ikel u l-ħela tal-ikel** u ser jgħinu jinfirmaw li t-tfassil tal-politika tal-UE tibqa' għaddejja.






# ĊITTADINANZA TAL-UE: PROĊESS LI JEVOLVI

L-għeruq taċ-ċittadinanza tal-UE tista' ssibhom fl-era immedjata ta' wara l-gwerra meta viżjoni ġdida ta' Ewropa magħquda ħarġet mill-irmied. Mill-bidu nett tal-proġett Ewropew, id-drittijiet u l-opportunitajiet għaċ-ċittadini kienu fuq quddiem u fiċ-ċentru. Illum, iċ-ċittadinanza tal-UE hi rikonoxxuta bħala l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE, u kull ċittadin għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-UE.

## 1945

Il-Paċi fl-Ewropa kienet iddikjarata.



## 1957

It-Trattat ta' Ruma ġie iffirmat. Dawn is-sitt membri fundaturi jagħtu d-dritt ta' moviment ħieles lill-ħaddiema kollha, ċittadini li jagħdmu għal rashom u l-familji tagħhom. Tul is-snin, din il-**Komunità Ekonomika Ewropea** tespandi u tilqa' pajjiżi ġodda.

## 2009

Il-Karta tal-UE dwar **Drittijiet Fundamentali** tidħol fis-seħħ, u ssaħħaħ ulterjorment id-drittijiet taċ-ċittadinanza.




## 1951

L-ewwel stadju importanti: Il-moviment ħieles ta' ħaddiema tal-faħam u l-azzar iddaħħal f'sitt pajjiżi Ewropej - il-Belġju, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Ġermanja. Il-**Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar twieldet**

## 1979

Iċ-ċittadini Ewropej direttament jeleġġu membri tal-Parlament Ewropew għall-ewwel darba.



## 1993

Iċ-ċittadinanza tal-UE stabbilita bit-**Trattat ta' Maastricht**. Iċ-ċittadini issa għandhom lista ta' drittijiet speċifiċi taċ-ċittadinanza tal-UE lil hinn mid-dritt oriġinali tal-moviment ħieles biex jieħdu sehem f'attività ekonomika.



# 2020

Fil-konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, l-akbar eżerċizzju parteċipatorju fl-istorja tal-UE, li jara ċ-ċittadini jitolbu, fost affarijiet oħra, aktar informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tal-UE.



# 2012


Jizzied dritt ġdid taċ-ċittadinanza. Ċittadini tal-UE jingħataw vuċi aktar b'saħħitha fit-tfassil tal-politika permezz tat-tnedija tal-**Inizzjattiva taċ-Ċittadini Ewropej**.

# 2023

It-30 anniversarju taċ-ċittadinanza tal-UE.




## Tafhom id-drittijiet tiegħek?



# 50%

taċ-ċittadini tal-UE ma jħossux li huma infurmati tajjeb dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE.



# 64%

taċ-ċittadini tal-UE ma jħossux li huma infurmati tajjeb dwar x'jistgħu jagħmlu meta dawn id-drittijiet ma jkunux irrispettati.

Sors: Ewrobarometru 528, 2023



Kun af aktar dwar l-istorja taċ-ċittadinanza tal-UE [hawn](#).

# PROTEZZJONI KULJUM

Meta tgħix fl-UE jkollok ħafna benefiċċji, li jistgħu jtgawdew kemm miċ-ċittadini kif ukoll mir-residenti. Dawn il-benefiċċji, li huma riżultat tal-liġi Ewropea, jinkludu pereżempju, id-drittijiet tal-ħaddiema jew aċċess għall-kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor tal-UE. Dawn il-protezzjonijiet u politiki huma fis-seħħ biex jiżguraw li ċ-ċittadini u r-residenti jkunu jistgħu jgawdu standard għoli ta' għajxien, ikollhom aċċess għal servizzi essenzjali, u li jkunu ttrattati b'dinjità u rispett.



Bħala impjegat fl-UE, pereżempju, int protett kontra diskriminazzjoni fl-impjieg tiegħek, u għandek id-dritt għal post tax-xogħol sikur, sigħat u waqfiet raġonevoli.



Jekk tivvjaġġa lejn Stat Membru ieħor tal-UE, ma għandekx tħallas spejjeż addizzjonali biex tuża l-mobajl tiegħek. It-telefonati tiegħek, messaġġi testwali u l-użu tad-data tiegħek huma ċċarġjati b'rati domestiċi, jiġifieri l-istess prezz ta' telefonati, testijiet u data fil-pajjiż tiegħek. U jekk it-titjira tiegħek tiġi ttardjata jew ikkanċellata, l-UE għamlitha faċli u sempliċi biex titlob kumpens.

Dawn huma ffit mid-drittijiet u benefiċċji ggarantiti liċ-ċittadini taħt liġi tal-UE - imma hemm ħafna aktar.

L-UE dejjem tpoġġi l-interessi taċ-ċittadini fuq quddiem u fiċ-ċentru tal-politiki tagħha. Inħarsu 'l quddiem, il-prijoritajiet prinċipali jinkludu l-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jstinka biex jagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima. L-UE wkoll ħadet azzjoni biex ittaffi l-piż tal-ispejjeż tal-enerġija fuq iċ-ċittadini u l-industriji.

F'dan il-fuljett, ser nidħlu aktar fil-fond ta' żewġ benefiċċji speċifiċi bħal pereżempju: bħala konsumatur, int protett kontra kummerċjalizzazzjoni mhux ġusta u prodotti mhux sikuri. Online, int għandek id-dritt tal-kontroll fuq id-data personali tiegħek.



**Sir af aktar dwar id-drittijiet u l-benefiċċji kollha tiegħek**



## Id-drittijiet tiegħek bħala konsumatur

Wara li xtara blender tal-ikel online, Daniel kien diżappuntat meta sab li l-magna ma kellhiex bosta funzjonijiet kif kien reklamat, u lanqas ma kienet daqshekk b'saħħitha kif kien jgħid ir-reklam. Minkejja reżistenza inizjali mill-ħanut online, Daniel aċċerta d-drittijiet tiegħu bħala konsumatur tal-UE, u ngħata għażla bejn rifużjoni sħiħa jew sostituzzjoni.



Bħala konsumatur tal-UE, int għandek drittijiet li jipproteġuk meta tixtri, ikun fejn ikun il-bejjiegħ fl-UE. Intitolat għal informazzjoni ċara dwar prodotti u servizzi, u għandek id-dritt li tikkanċella u tirritorna l-biċċa l-kbira ta' xiri online sa 14-il jum. Jekk dak li tixtri ma jkunx kif deskritt jew ma jissodisfax l-istandards ta' kwalità, int għandek id-dritt għal tiswija, sostituzzjoni jew rifużjoni. Int protett taħt leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-konsumatur jekk tixtri mingħand negozjant; swieq online għaldaqstant għandhom javżawk dwar dan meta tagħżel offerta minn individwu privat.

**KUN AF AKTAR DWAR KIF TUŻA D-DRITTIJET TIEGĦEK TA' KONSUMATUR**



Int tista' tikkuntattja wkoll lil **ECC-Net** biex tikseb assistenza dwar kif teżerċita d-drittijiet tiegħek bħala konsumatur.

## Id-dritt tiegħek għall-protezzjoni tad-data

Jana kienet imħassba dwar l-ammont ta' informazzjoni personali li qed tiġi maħżuna mill-pjattaforma tal-midja soċjali li tuża. Iddeċidiet li tiegħu azzjoni u teżerċita d-drittijiet tagħha, l-ewwel billi titlob aċċess għad-data personali kollha tagħha. Rieżami ta' din id-data żvela għadd ta' ineżattezzi u informazzjoni skaduta dwarha. Jana talbet lill-kumpanija biex tikkoreġi d-data żbaljata, u biex tħassar b'mod permanenti bosta posts qodma.



Fl-UE, għandek drittijiet fuq id-data personali tiegħek. Tista' taċċessa d-data tiegħek, tikkoreġi żbalji fid-data tiegħek, tillimita l-użu tagħha, tmur għal servizz ieħor, toġġezzjona għall-użu tagħha, u tevita li tkun suġġetta għal proċessi awtomatizzati tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Dawn id-drittijiet, li huma parti mir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data Ġenerali (GDPR), jagħtuk kontroll fuq id-data tiegħek u jirrikjedu li kumpaniji jirrispettaw l-għażliet tiegħek. Hemm ċerti ċirkostanzi fejn id-dritt għal tħassar jista' ma japplikax. Dan jista' jkun, pereżempju, skopijiet arkivjali, jew skopijiet ta' riċerka u statistika, fejn id-data tista' tkun ikkunisdrata li hi fl-interess pubbliku.

**SIR AF KIF TIPPROTEĠI D-DATA TIEGĦEK, TUŻA D-DRITTIJET TIEGĦEK**



# U JEKK ID-DRITTIJET TIEGĦI MA KINUX IRRISPETTATI?

Jekk taħseb li d-drittijiet tiegħek bħala ċittadin tal-UE ma kinux irrispettati, f'pajjiżek jew fi Stat Membru ieħor tal-UE, hemm azzjonijiet li tista' tieħu.

L-ewwel trid tipprova tirrisolvi l-kwistjoni fuq il-livell nazzjonali tal-pajjiż fejn ġrat il-problema, jew billi tmur il-qorti jew permezz ta' metodi oħra biex issolvu l-kwistjoni. **Sir af aktar dwar is-sistemi ġudizzjarji nazzjonali jew kif tirrikorri għall-qorti.**

Jekk int vittma ta' diskriminazzjoni u qed tfttex għajnuna, tista' tikkuntattja lill-**organizzazzjoni nazzjonali dwar l-ugwaljanza** f'pajjiżek. Leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-antidiskriminazzjoni tipprovdi li kull Stat Membru jrid ikollu (tal-inqas) tali korp tal-ugwaljanza bis-setgħa li, fost oħrajn, jagħti assistenza indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni.

Jekk dawn il-passi ma jkunux solvew il-problema, il-pass li jmiss ikun li tieħu din fil-livell tal-UE. Hawn tista':

- ▶ Tressaq ilment mal-**Kummissjoni Ewropea** jekk temmen li d-drittijiet tiegħek bħala ċittadin tal-UE ġew miksura minn miżura jew Prattika ta' pajjiżek li tmur kontra liġi tal-UE. Il-formola tal-ilment tal-Kummissjoni hi faċli biex tifhem u biex timla. Tista' ssibha **hawn**.
- ▶ Ressaq ilment mal-**Ombudsman Ewropew** dwar amministrazzjoni ħażina minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE - ara p.13 tal-fuljett biex tkun taf aktar.
- ▶ Issottometti petizzjoni lill-**Parlament Ewropew**.
- ▶ Irrapporta frodi relatat mal-UE lill-**Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)**.

## Servizzi li jsolvu l-problemi faċilment



Ċempel jew ikkuntattja waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet:

**Il-Portal Ewropew Tiegħek** jiggwidak għall-aktar siti web rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Iċ-Ċentru ta' Kuntatt Europe Direct hu hemm biex iwieġeb kull mistoqsija li jista' jkollok dwar l-UE, permezz tat-telefown jew email, fl-24 lingwa kollha tal-UE. Ikkuntattjhom b'xejn fuq 00 800 6 7 8 9 10 11, jew **online**.

Jekk id-drittijiet tiegħek qed jinkisru ġo Stat Membru ieħor tal-UE, issottometti l-problema tiegħek lil **SOLVIT**.



# Kif l-UE tipproteġi d-drittijiet tiegħek

Din hi ftit mil-leġiżlazzjoni ewlenija li fuqha jissejsu id-drittijiet ta' -ċittadini tal-UE.

## Biex tkun tista' tiċċaqlaq liberament fl-UE

- ▶ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ([l-Artikoli 21 \(1\)](#))
- ▶ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([l-Artikolu 45](#))
- ▶ [Direttiva 2004/38/KE](#) dwar id-drittijiet ta' -ċittadini tal-Unjoni Ewropea u membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqlqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri

## Protezzjoni konsulari

- ▶ It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TFUE), ([l-Artikolu 35](#))
- ▶ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ([l-Artikoli 20 \(2\)\(c\), 23](#))
- ▶ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ([l-Artikolu 46](#))
- ▶ [Direttiva \(UE\) 2015/637/UE](#) dwar miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi
- ▶ [Direttiva \(UE\) 2019/997](#) li tistabbilixxi Dokument Provisorju tal-Ivvjaġġar tal-UE

## Ibgħat petizzjoni lill-istituzzjonijiet u kkuntattja l-Ombudsman Ewropew

- ▶ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ([l-Artikoli 20 \(2\)\(d\), 227](#))
- ▶ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ([l-Artikolu 43 u 44](#))
- ▶ [Regolament \(UE, Euratom\) 2021/1163](#) li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twetiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman

## Nondiskriminazzjoni

- ▶ It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ([l-Artikolu 2](#))
- ▶ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ([l-Artikolu 18](#))
- ▶ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([l-Artikolu 21](#))

## Inizzjattiva ta' -Ċittadini Ewropej

- ▶ It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ([l-Artikolu 11\(4\)](#))
- ▶ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ([l-Artikoli 24 \(1\)](#))
- ▶ [Regolament \(UE\) 2019/788](#) dwar inizzjattiva ta' -ċittadini Ewropej

## Id-dritt tiegħek għal tweġiba

- ▶ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ([l-Artikolu 15 \(1\), 24](#))
- ▶ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([l-Artikolu 41\(4\), 42](#))
- ▶ [Regolament \(KE\) Nru. 1049/2001](#) rigward aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

## Votazzjoni u kandidatura għall-elezzjonijiet

- ▶ It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) ([l-Artikolu 10\(3\)](#))
- ▶ It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ([l-Artikoli 20\(2\)\(b\), 22](#))
- ▶ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ([l-Artikoli 39 u 40](#))
- ▶ [Direttiva 93/109/KE](#), magħrufa wkol bħala d-"Direttiva tad-Drittijiet Elettorali"
- ▶ [Direttiva 94/80/KE](#) dwar id-dritt għal vot u kandidatura f'elezzjonijiet muniċipali

## Krediti tar-ritratti:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Istockphoto  
Shutterstock



## AVVIŻ DWAR ID-DRITTIJJET TAL-AWTUR

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffċjali tal-Kummissjoni Ewropea.

PDF ISBN 978-92-68-10201-5 doi: 10.2838/274 DS-05-23-487-MT-N

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024



Il-politika dwar l-użu mill-ġdid tal-Kummissjoni hi implimentata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.



Kont taf li ċ-ċittadinanza tal-UE tagħtik drittijiet u benefiċċji li huma addizzjonali għad-drittijiet li tgawdi bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE? Mhux dak biss, imma ċittadinanza tal-UE tagħtik vuċi biex tfassal il-futur tal-Ewropa. Hawn ser issib dak kollu li trid tkun taf dwar id-drittijiet li għandek, il-modi li tista' tużahom, u kif jistgħu jkunu ta' benefiċċju għalik.

